

32006D0041

L 25/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.1.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' l-24 ta' Jannar 2006****li ttipprovdi assistenza makro-finanzjarja lill-Ġeorġja**

(2006/41/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Opinjoni mogħtija fil-15.12.2005 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 97/87/KE¹ l-Kunsill ipprovda assistenza finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Ġeorġja fil-forma ta' self u għotjiet għal perijodu twil.
- (2) Bid-Deċiżjoni 2000/244/KE l-Kunsill ipprovda assistenza finanzjarja eċċezzjonali għat-Taġikistan u estenda l-perijodu ta' implimentazzjoni ta' l-assistenza għall-Armenja u l-Ġeorġja sa l-2004.
- (3) Fil-każ tal-Ġeorġja, l-oġġettivi ta' l-assistenza ma ġewx issodisfati bis-sħiħ, minħabba ambjent tal-politika ekonomika mhux sodisfaċenti fil-pajjiż waqt il-biċċa l-kbira tal-perijodu ta' implimentazzjoni.
- (4) Għaldaqstant, ġie impenjat u mħallas EUR 31,5 miljun biss tal-komponent ta' l-għotja sħiħa ta' l-EUR 65 miljun għall-Ġeorġja taħt l-assistenza finanzjarja eċċezzjonali.
- (5) L-awtoritajiet preżenti tal-Ġeorġja huma impenjati lejn l-istabbilizzazzjoni ekonomika u r-riformi strutturali, sostnuti mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) permezz ta' arranġament ta' tliet snin taħt il-Faċilità għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir (FTFT) li ġiet approvata fl-4 ta' Ġunju 2004 għal ammont totali ta' SDR 98 miljun. Sussegwentement, fil-21 ta' Lulju 2004, il-kredituri tal-Klabb ta' Pariġi qablu dwar ristrutturazzjoni tad-dejn uffiċjali bilaterali tal-Ġeorġja skond it-termini ta' Houston.

¹ ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/244/KE (ĠU L 77, 28.3.2000, p. 11).

- (6) Il-Gvern il-ġdid tal-Ġeorġja rċieva wkoll appoġġ qawwi mill-komunità internazzjonali fil-konferenza tad-donaturi li seħħet fi Brussell fis-16 ta' Ġunju 2004.
- (7) F'Ġunju 2004 l-Bank Dinji approva Kreditu ta' Appoġġ għal Riforma ta' USD 24 miljun, u ser ikompli l-assistenza tiegħu lill-Ġeorġja taħt Strateġija ta' Sħubija ta' Pajjiż ġdida fil-forma ta' Operazzjonijiet ta' Appoġġ għat-Tnaqqis tal-Faqar.
- (8) L-awtoritajiet Ġeorġjani esprimew l-intenzjoni tagħhom li jfittxu l-ħlas lura kmieni ta' dejn lill-Komunità bil-ħsieb li tittejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn.
- (9) Kif ir-relazzjonijiet UE-Ġeorġja qed jiżviluppaw fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li hija mistennija twassal għal integrazzjoni ekonomika aktar profonda, l-appoġġ Komunitarju għall-programm ta' riforma ekonomika tal-gvern huwa kkunsidrat xieraq.
- (10) Li jsir disponibbli ammont ekwivalenti għall-komponent ta' għotja mhux impenjat ta' l-assistenza finanzjarja eċċezzjonali, li għandu jappoġġa r-riformi ekonomiċi tal-pajjiż u jgħin fit-tnaqqis tad-dejn estern, huwa kontribut xieraq mill-Komunità għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji għat-tnaqqis tal-faqar u t-tkabbir fil-Ġeorġja.
- (11) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effikaċi ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità marbutin ma' l-assistenza makro-finanzjarja preżenti, huwa meħtieġ li jiġu previsti miżuri xierqa mill-Ġeorġja relatati mal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra marbutin ma' din l-assistenza, kif ukoll għal kontrolli mill-Kummissjoni u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

- (12) Is-servizzi tal-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' esperti esterni debitament awtorizzati, f'Ottubru 2004 wettqu valutazzjoni operattiva taċ-ċirkwiti finanzjarji u proċeduri amministrattivi fil-Ministeru tal-Finanzi tal-Ġeorġja u l-Bank Nazjonali tal-Ġeorġja biex jaċċertaw l-eżistenza ta' qafas għall-amministrazzjoni finanzjarja tajba.
- (13) Ir-rilaxx ta' din l-għotja ta' assistenza huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' l-awtorità baġitarja.
- (14) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju qabel ma ssottomettiet il-proposta tagħha.
- (15) It-Trattat ma jipprovdi għall-ebda setgħa, minbarra dawk ta' l-Artikolu 308 tiegħu, għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Komunità għandha tagħmel disponibbli lill-Ġeorġja assistenza makro-finanzjarja fil-forma ta' għotjiet diretti sa ammont massimu ta' EUR 33,5 miljun bil-ħsieb li tappoġġa r-riformi ekonomiċi u tgħin lill-pajjiż itejjeb s-sostenibbiltà tad-dejn.
2. Din l-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja għandha tiġi amministrata mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u b'mod konsistenti bis-sħiħ mal-ftehim milħuq bejn l-FMI u l-Ġeorġja.

3. L-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja għandha ssir disponibbli għal sentejn li jibdedw mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu, jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tista' tiddeċiedi li testendi l-perijodu ta' disponibbiltà b'massimu ta' sena waħda.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taqbel ma' l-awtoritajiet tal-Ġeorġja, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-politika ekonomika u l-kondizzjonijiet finanzjarji marbutin ma' din l-assistenza, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim. Dawk il-kondizzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-ftehim milħuq bejn l-FMI u l-Ġeorġja.
2. Matul l-implimentazzjoni ta' l-assistenza Komunitarja, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-validità taċ-ċirkwiti finanzjarji tal-Ġeorġja, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għal din l-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja.
3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-linji politiċi ekonomiċi tal-gvern huma skond l-oġettivi ta' din l-assistenza u li l-politika ekonomika u l-kondizzjonijiet finanzjarji miftiehma qed jiġu sodisfatti.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' l-għotja għandu jkun magħmul disponibbli lill-Ġeorġja minn ta' l-anqas f'żewġ pagamenti, sakemm il-pożizzjoni tad-debitur nett tagħha lejn il-Komunità tkun naqset, bħala regola, minn ta' l-inqas b'ammont simili.
2. L-ewwel għotja għandha tiġi rilaxxata abbażi ta' implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm ekonomiku appoġġat mill-FMI taħt il-Faċilità għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir.

It-tieni u kwalunkwe pagament ieħor għandhom jiġu rilaxxati abbażi ta' implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm ekonomiku appoġġat mill-FMI u kwalunkwe miżura oħra stabbilita fil-Memorandum ta' Intendiment imsemmi fl-Artikolu 2(1), u mhux qabel ma jkun għaddew tliet xhur mir-rilaxx tal-pagament preċedenti.

3. Il-fondi għandhom jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tal-Ġeorġja. Ir-riċevitur finali tal-fondi għandu jkun il-Ministeru tal-Finanzi tal-Ġeorġja.

Artikolu 4

L-implimentazzjoni ta' din l-assistenza għandha sseħħ skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ u r-regoli implimentattivi tiegħu. B'mod partikolari, il-Memorandum ta' Intendiment imsemmi fl-Artikolu 2(1) għandu jipprovdi għal miżuri xierqa mill-Ġeorġja relatati mal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra marbuta ma' din l-assistenza. Huwa għandu jipprovdi wkoll għal kontrolli mill-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), bid-dritt li jitwettqu kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, u biex jitwettqu verifiki fuq il-post mill-Qorti ta' l-Awdituri, fejn xieraq.

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

Artikolu 5

Minn ta' l-anqas darba fis-sena, qabel Settembru, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jinkludi evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena preċedenti.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tibda sseħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Jannar 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

K.-H. GRASSER